

**KONFERENZA DWAR L-ADEŻJONI
MAL-UNJONI EWROPEA
– UKRAJNA –**

**Brussell, 12 ta' Ġunju 2026
(OR. en)**

AD 18/26

LIMITE

CONF-UA 2

DOKUMENT TA' ADEŻJONI

Suġġett: POŻIZZJONI KOMUNI TAL-UNJONI EWROPEA
- Ġabra 1: Elementi fundamentali

NEGOZJATI TAL-ADEŻJONI

Ukrajna

POŻIZZJONI KOMUNI TAL-UE

(b'segwitu għall-Pożizzjoni ta' Negozjar tal-Ukrajna AD 16/26 CONF-UA 1)

Ġabra ta' negozjati: 1

Elementi fundamentali

Fosthom il-Funzjonament tal-istituzzjonijiet demokratiċi, ir-Riforma tal-amministrazzjoni pubblika, il-kapitoli 23 - Ġudikatura u drittijiet fundamentali, 24 - Ġustizzja, libertà u sigurtà, Kriterji ekonomiċi, il-kapitoli 5 - Akkwist pubbliku, 18 - Statistika, 32 - Kontroll finanzjarju

Din il-pożizzjoni tal-Unjoni Ewropea hija bbażata fuq il-pożizzjoni ġenerali tagħha għall-Konferenza mal-Ukrajna dwar l-adeżjoni AD 9/24 CONF-UA 2, u hija soġġetta għall-prinċipji ta' negozjar approvati fiha, b'mod partikolari:

- kwalunkwe fehma espressa mill-Ukrajna jew l-UE dwar kapitoli speċifiku tan-negozjati bl-ebda mod ma hija ser tippreġudika l-pożizzjoni li tista' tittieħed dwar kapitoli oħrajn;
- ftehimiet li jintlaħqu matul in-negozjati dwar kapitoli speċifiċi, anki dawk parzjali, ma jistgħux jiġu kkunsidrati bħala finali qabel ma jkun intlaħaq ftehim ġenerali għall-kapitoli kollha;
- kif ukoll għar-rekwiżiti stabbiliti fil-punti 5, 11, 12, 32, 37, 38, 39, 42, 40, 41, 43, 44, 45, 46, 51, 51 u 52 tal-Qafas ta' Negozjar.

L-UE tteġġeg lill-Ukrajna tkompli bil-proċess ta' allinjament mal-acquis tal-UE u bl-implimentazzjoni u l-infurzar effettivi tiegħu, u b'mod ġenerali tiżviluppa diġà qabel l-adeżjoni, politiki u strumenti li jkunu kemm jista' jkun qrib dawk tal-UE.

L-UE tinnota li l-Ukrajna, fil-pożizzjoni tagħha (AD 16/26 CONF-UA 1), taċċetta l-acquis tal-UE taħt il-Ġabra 1 kif kien fis-seħħ fit-3 ta' Ġunju 2026, u li ser tkun lesta timplimentah sad-data tal-adeżjoni tagħha mal-Unjoni Ewropea.

1. Funzjonament tal-istituzzjonijiet demokratiċi

L-UE tinnota li l-Ukrajna stabbiliet fl-ordni kostituzzjonali tagħha l-pedamenti ta' **stat demokratiku** u tistieden lill-Ukrajna tiżgura konsolidazzjoni demokratika kontinwa minkejja l-limiti imposti mil-liġi marzjali. L-UE tinnota li l-qafas legali u istituzzjonali jwassal għall-organizzazzjoni ta' elezzjonijiet demokratiċi. L-UE tistieden lill-Ukrajna ttejjeb il-qafas legali f'konformità mar-rakkomandazzjonijiet tal-OSKE/ODIHR, il-leġiżlazzjoni tal-UE u l-istandards internazzjonali u Ewropej. L-UE tilqa' l-isforzi li għaddejjin tal-Ukrajna biex issaħħaħ ir-reżiljenza għad-diżinformazzjoni u l-interferenza u l-manipulazzjoni tal-informazzjoni minn barranin (FIMI) waqt l-elezzjonijiet. L-UE tistieden lill-Ukrajna tkompli ssaħħaħ xenarju tal-media trasparenti, pluralistiku u indipendenti, inkluż permezz tar-rivalutazzjoni u t-tneħħija gradwali tal-"maratona televiżiva". Jeħtieġ jiġu indirizzati n-nuqqasijiet fil-ġlieda kontra l-kampanji illegali u l-finanzjament tal-partiti, u jiġu żgurati aktar trasparenza u sorveljanza effettiva, permezz ta' aktar konformità mar-regolamenti dwar il-kampanji u l-finanzjament tal-partiti u l-verifika tagħhom, funzjonijiet ta' kontroll simplifikati u msaħħa, sanzjonijiet dissważivi u billi jingħalqu l-lakuni għall-ksur minn donaturi terzi.

L-UE tinnota li l-Parlament tal-Ukrajna baqa' jeżerċita r-rwol tiegħu, għalkemm is-sorveljanza tiegħu tal-eżekuttiv bħalissa hija limitata. L-UE tissottolinja li l-Ukrajna xorta għandha ttejjeb it-trasparenza, il-kwalità u l-effettività ġenerali fil-proċess leġiżlattiv, inkluż taħt il-liġi marzjali. L-UE tinnota wkoll li l-Parlament għandu jstabbilixxi wkoll qafas robust għall-integrità, inkluż Kodiċi ta' Kondotta għall-Membri Parlamentari u monitoraġġ effettiv tar-restrizzjonijiet ta' wara l-impjieġ.

L-UE tissottolinja li b'mod ġenerali, il-qafas legali, regolatorju u dak istituzzjonali għall-**organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili** (OSC) huwa ġeneralment stabbilit, iżda huwa meħtieġ titjib biex jiġi żgurat ambjent abilitanti għas-soċjetà ċivili, b'mod partikolari biex jissaħħu l-mekkaniżmi li jiproteġu lill-OSC u lid-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem minn theddid u pressjoni żejda, inkluż permezz ta' allinjament mal-acquis tal-UE dwar kawżi kontra l-parteċipazzjoni pubblika (SLAPP). L-UE tissottolinja li l-Ukrajna jeħtieġ tiżgura li jiġu stabbiliti mekkaniżmi effettivi għall-kooperazzjoni bejn l-Istat u l-OSC, inkluż konsultazzjoni sinifikattiva mas-soċjetà ċivili dwar inizjattivi leġiżlattivi u politiċi.

2. Riforma tal-amministrazzjoni pubblika

L-UE tinnota li l-**qafas strateġiku** tal-Ukrajna għar-riforma tal-amministrazzjoni pubblika (PAR) huwa parzjalment allinjat mal-istandards Ewropej. L-UE tinnota wkoll li l-mekkaniżmi ta' ġestjoni u ta' koordinazzjoni għall-implimentazzjoni tagħha huma stabbiliti tajjeb. L-UE tissottolinja li biex jitmexxew 'il quddiem ir-riformi, il-kapaċità tas-servizz ċivili għandha tissaħħaħ, u għandha tiġi żgurata s-sostenibbiltà finanzjarja tar-riformi.

L-UE tinnota li l-Ukrajna hija parzjalment allinjata mal-istandards Ewropej fir-rigward tal-**iżvilupp u l-koordinazzjoni tal-politika**. L-UE tissottolinja li l-Ukrajna teħtieġ taġġorna l-qafas regolatorju tagħha u ttejjeb l-istandards għat-tfassil ta' politika bbażata fuq l-evidenza u l-abbozzar leġiżlattiv u tiżgura konsultazzjoni pubblika effettiva u inklużiva.

L-UE tinnota li l-Ukrajna hija parzjalment allinjata mal-istandards Ewropej dwar is-**servizz pubbliku u l-ġestjoni tar-riżorsi umani** tagħha. L-UE tistieden lill-Ukrajna tallinja aktar il-qafas regolatorju tas-servizz ċivili tagħha mal-prinċipji tal-meritokrazzja, it-trasparenza u l-integrità fil-proċeduri tal-għażla u tar-reklutaġġ. Ir-reklutaġġ ibbażat fuq il-mertu, u li jkun trasparenti u kompetittiv fis-servizz ċivili għandu jerġa' jiddaħħal u jittejjeb aktar, filwaqt li titqies is-sitwazzjoni tas-sigurtà kif xieraq. L-UE tissottolinja li jeħtieġ tinġabar u tiġi mmonitorjata data abbażi tas-sensji kif ukoll dwar l-għadd u l-kategoriji ta' kuntratti temporanji, sabiex jiġu evitati l-abbużi. L-UE tfakkar li r-riforma tas-sistema ta' remunerazzjoni tal-impjegati taċ-ċivil ibbażata fuq il-klassifikazzjoni tal-pożizzjonijiet għandha titlesta biex tiġi żgurata sistema ta' salarji trasparenti, kompetittiva u ġusta. L-UE tissottolinja li d-diġitalizzazzjoni tal-ġestjoni tar-riżorsi umani għandha tavvanza u tespandi fil-korpi tal-amministrazzjoni pubblika.

L-UE tinnota li s-sistema ta' **organizzazzjoni u ta' obbligu ta' rendikont** tal-Ukrajna hija parzjalment allinjata mal-istandards Ewropej. L-UE tistieden lill-Ukrajna ttejjeb l-organizzazzjoni interna tal-ministeri, l-obbligu ta' rendikont u l-mekkaniżmi ta' monitoraġġ tal-prestazzjoni bejn il-korpi superviżorji u subordinati. L-UE tistieden ukoll lill-Ukrajna tarmonizza l-leġiżlazzjoni tagħha mal-Liġi dwar il-Proċedura Amministrattiva u tiżgura li ma tiġi introdotta l-ebda eċċezzjoni mhux ġustifikata mill-applikazzjoni tal-Liġi. L-UE tissottolinja li l-implimentazzjoni sħiħa tal-Liġi dwar il-Proċeduri Amministrattivi u l-monitoraġġ tagħha għandhom jiġu żgurati. L-UE tistieden ukoll lill-Ukrajna tagħmel aktar progress fir-riforma tad-deċentralizzazzjoni.

L-UE tinnota li s-sistema tal-**għoti ta' servizzi** tal-Ukrajna għandha livell għoli ta' allinjament mal-istandards Ewropej. L-UE tistieden lill-Ukrajna tkompli tiżviluppa aktar in-network taċ-ċentri ta' servizzi amministrattivi, filwaqt li tiżgura aċċess iffaċilitat għall-persuni b'diżabbiltà u bi bżonnijiet speċjali. L-UE tistieden lill-Ukrajna tiżgura aktar allinjament tal-leġiżlazzjoni mal-acquis tal-UE f'dan il-qasam.

L-UE tinnota li l-Ukrajna għandha fis-seħħ qafas legali u istituzzjonali stabbilit sew għall-**ġestjoni tal-finanzi pubbliċi**. L-UE tissottolinja l-importanza li l-Ukrajna tkompli ttejjeb l-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni. L-UE tistieden lill-Ukrajna tkompli ttejjeb il-qafas baġitarju għall-perjodu medju u l-kwalità tan-nefqa pubblika, b'mod partikolari billi ttejjeb il-metodoloġija għar-rieżamijiet tal-infiq u twettaq rieżamijiet annwali tal-infiq tal-baġit tal-istat. L-UE tistieden lill-Ukrajna ttejjeb il-monitoraġġ tar-riskji fiskali, b'mod partikolari billi ttejjeb il-metodoloġija għall-valutazzjoni tar-riskji fiskali assoċjati mal-investimenti pubbliċi, l-intrapriżi tal-istat, u l-baġits lokali. L-UE tistieden lill-Ukrajna tkompli ssaħħaħ il-ġestjoni tal-investment pubbliku f'konformità mal-pjan direzzjonali tar-riforma tal-Ġestjoni tal-Investment Pubbliku u l-pjan ta' azzjoni li jakkumpanjah. L-UE ttejjeb lill-Ukrajna ssaħħaħ it-trasparenza u s-sorveljanza tal-proċess baġitarju, b'mod partikolari billi tiżgura d-disponibbiltà pubblika f'waqtha u regolari tad-data fiskali għas-sottosetturi kollha tal-gvern ġenerali, twessa' l-kamp ta' applikazzjoni tal-ippjanar baġitarju fuq terminu medju għall-gvern ġenerali u tistabbilixxi istituzzjoni fiskali indipendenti.

3. Kapitolu 23 - Ġudikatura u drittijiet fundamentali

L-UE tissottolinja li l-qafas leġiżlattiv u istituzzjonali tal-Ukrajna huwa parzjalment allinjat mal-acquis tal-UE u l-istandards Ewropej rilevanti fil-**funzjonament tal-ġudikatura**. L-UE tinnota li l-pjan tal-Ukrajna li tkompli ssaħħaħ l-indipendenza u l-kapaċità tal-korpi ta' governanza ġudizzjarji u ta' prosekuzzjoni tagħha u l-għażla meritokratika tal-membri tagħha, tissimplifika l-governanza ġudizzjarja, ittejjeb il-ġestjoni u r-riżorsi tal-qrati, tikkonsolida l-obbligu ta' rendikont u l-integrità fil-livelli kollha, tiżgura l-aċċessibbiltà u l-kwalità tal-ġustizzja, u tiżgura t-twettiq effiċjenti tal-ġustizzja f'konformità mal-acquis tal-UE u l-istandards Ewropej.

L-UE tilqa' l-progress tal-Ukrajna fit-trawwim tal-**indipendenza u l-imparzjalità** tal-ġudikatura. L-UE tinnota b'sodisfazzjoni il-pjanijiet tal-Ukrajna li tkompli ssaħħaħ ir-reżiljenza tal-istituzzjonijiet tal-ġustizzja għal każijiet kontra interferenza interna u esterna. L-UE tinnota bi tħassib l-iżviluppi reċenti li jirriskjaw li jdgħajfu l-progress fir-riforma ġudizzjarja, b'mod partikolari d-dewmien fil-ħatriet ta' kandidati għal istituzzjonijiet li tnedew mill-ġdid reċentement. Fil-futur, l-Ukrajna jeħtieġ tkompli ssaħħaħ l-indipendenza, l-integrità, l-istatus u l-kapaċitajiet tal-korpi ta' governanza u ta' awtogovernanza ġudizzjarji u tal-prosekuzzjoni, u tottimizza l-governanza ġudizzjarja u s-sistema ta' ġestjoni tal-qorti, kif ukoll is-servizz ta' prosekuzzjoni. L-UE tinnota l-impenn tal-Ukrajna li tiżgura sistema ta' allokkazzjoni aleatorja tal-kawżi fis-servizz tal-prosekuzzjoni bbażata fuq kriterji ċari u oġġettivi u li tkompli ttejjeb tali sistema fil-qrati. L-UE tissottolinja l-importanza tal-isforzi sostnuti tal-Ukrajna biex issaħħaħ l-indipendenza tal-imħallfin tal-qrati ordinarji, il-Qorti Suprema, u l-Qorti Kostituzzjonali, tal-prosekuturi, u tal-Amministrazzjoni Ġudizzjarja tal-Istat, fosthom integrità għolja, trasparenza u standards ibbażati fuq il-mertu fil-proċeduri tal-għażla u l-ħatra u t-titjib ulterjuri tagħhom. Għal dan il-għan, l-UE tissottolinja l-importanza tal-involvement sinifikattiv fuq bażi temporanja ta' esperti indipendenti nnominati minn sħab internazzjonali fi proċeduri tal-għażla attwali u futuri. L-Ukrajna teħtieġ tiddepoliticizza l-pożizzjoni tal-Prosekutur Ġenerali, inkluż billi tagħmel il-proċeduri tal-għażla u tat-tkeċċija aktar oġġettivi, trasparenti u bbażati fuq il-mertu, waqt li tqis l-istandards Ewropej. L-Ukrajna għandha ttejjeb ukoll is-sistema ta' rikuża għall-imħallfin biex tallinjaha mal-istandards Ewropej.

L-UE tinnota li l-Ukrajna saħħet b'mod konsiderevoli l-qafas legali u istituzzjonali tagħha dwar l-**obbligu ta' rendikont**. L-UE tinnota b'sodisfazzjoni l-implimentazzjoni tajba kontinwa tal-Ukrajna tal-proċess ta' skrutinju tal-imħallfin u l-attestazzjoni tal-prosekuturi. Madankollu, sabiex jinkisbu riżultati tanġibbli, l-iskrutinju u l-attestazzjoni jridu jsiru b'aktar ħeffa. L-UE tissottolinja l-ħtieġa li l-Ukrajna tkompli ssaħħaħ il-miżuri ta' prevenzjoni tal-korruzzjoni fil-ġudikatura, b'mod partikolari permezz ta' sistema mtejba ta' dikjarazzjonijiet ta' integrità u verifiki għall-imħallfin. L-UE tinnota wkoll il-ħtieġa ta' aktar titjib tal-qafas dixxiplinari għall-imħallfin u l-prosekuturi, inkluż l-indirizzar ta' kawżi dixxiplinari b'lura, it-tiżiħ tal-miżuri dixxiplinari u l-infurzar tagħhom, kif ukoll it-tiżiħ tal-Ispettorat Ġenerali fis-servizz tal-prosekuzzjoni.

L-UE tinnota l-isforzi tal-Ukrajna biex ittejjeb il-**kwalità** tal-ġustizzja, inkluż permezz ta' qafas legali u istituzzjonali mtejjeb għall-għażla tal-imħallfin u l-prosekuturi, iżda għad irid jiġi indirizzat in-nuqqas serju ta' mħallfin u ta' persunal ta' appoġġ. In-nuqqas ta' riżorsi finanzjarji u umani jaffettwa ħażin il-kwalità u l-effiċjenza tas-sistema ġudizzjarja. Jeħtieġ titnieda sistema effettiva ta' evalwazzjoni perjodika tal-prestazzjoni għall-imħallfin u l-prosekuturi li tkun imsejsa fuq kriterji ċari u oġġettivi. L-UE tistieden lill-Ukrajna ttejjeb l-**effiċjenza** tas-sistema ġudizzjarja b'enfasi fuq l-indirizzar tal-kawżi b'lura u n-nuqqas ta' uniformità tal-ġurisprudenza, kif ukoll biex tagħmel progress fis-sistema ta' diġitalizzazzjoni tagħha. L-UE tissottolinja l-importanza tal-istabbiliment rapidu u l-operazzjoni sħiħa tal-qorti amministrattiva l-ġdida biex tittratta kawżi kontra aġenziji nazzjonali tal-istat wara proċedura ta' għażla kredibbli bl-involvement sinifikattiv ta' esperti indipendenti nnominati minn sħab internazzjonali. L-UE tissottolinja wkoll il-ħtieġa li tiġi riformata l-Kamra tal-Avukati u l-Iskola Nazzjonali tal-Imħallfin, li jinkludi l-involvement sinifikattiv ta' esperti indipendenti nnominati minn sħab internazzjonali, sabiex it-taħriġ tal-imħallfin u l-prosekuturi jiġi allinjat mal-istandards Ewropej, inkluż bl-introduzzjoni ta' proċedura tal-għażla trasparenti u bbażata fuq il-mertu għall-Iskola Nazzjonali tal-Imħallfin u l-modernizzazzjoni tal-kurrikuli, it-tagħlim, il-valutazzjoni tal-ħtiġijiet u l-metodi ta' evalwazzjoni tagħha, u li jkun hemm progress fir-riforma tal-edukazzjoni legali, inkluż permezz tas-separazzjoni istituzzjonali tal-edukazzjoni legali u t-taħriġ tal-infurzar tal-liġi. L-Ukrajna għandha ttejjeb ukoll il-leġiżlazzjoni dwar il-proċedura tal-Qorti Kostituzzjonali filwaqt li tqis ir-rakkomandazzjonijiet tal-Kummissjoni ta' Venezja, tiegħu miżuri sistemiċi biex ittejjeb l-infurzar tad-deċiżjonijiet tal-qorti domestiċi u tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, inkluż billi tirrevedi l-moratorji leġiżlattivi u tiżgura l-ġbir adegwat tad-data dwar l-infurzar, u tespandi s-soluzzjoni alternattiva għat-tilwim u tkompli tiżviluppa l-għajnuna legali.

L-UE tisħaq fuq il-ħtieġa li l-Ukrajna tagħmel progress tanġibbli fil-ġlieda kontra l-impunità għal delitti internazzjonali ewlenin fil-livell nazzjonali. B'mod partikolari billi tkompli timplimenta d-dispożizzjonijiet tal-Istatut ta' Ruma tal-Qorti Kriminali Internazzjonali fis-sistema legali Ukrena u billi tiżgura li jkun hemm progress sostnut lejn rekord solidu ta' investigazzjonijiet domestiċi, prosekuzzjonijiet u kundanni għal delitti internazzjonali ewlenin.

L-UE tinnota li l-qafas leġislativ u istituzzjonali tal-Ukrajna dwar **il-ġlieda kontra l-korruzzjoni** tjiieb b'mod progressiv u huwa parzjalment allinjat mal-acquis tal-UE. L-UE tissottolinja li huwa meħtieġ aktar tiġib sostanzjali f'termini ta' miżuri kemm preventivi kif ukoll ripressivi. L-UE tenfasizza b'qawwa li l-indipendenza u l-effettività tal-istituzzjonijiet speċjalizzati kontra l-korruzzjoni u ta' istituzzjonijiet rilevanti oħra jeħtieġ li jiġu żgurati permezz tat-tisħiħ ulterjuri tal-kapaċitajiet u l-mandati tagħhom. L-UE tissottolinja wkoll li l-Ukrajna teħtieġ tespandi l-ġuriżdizzjoni tal-Uffiċċju Nazzjonali Kontra l-Korruzzjoni tal-Ukrajna biex tkopri l-pożizzjonijiet pubbliċi kollha ta' riskju għoli, inkluż it-tmexxija tal-Uffiċċju tal-President, il-kapijiet tal-amministrazzjonijiet reġjonali, fost oħrajn, u tagħti lill-Uffiċċju tal-Prosekutur Speċjalizzat Kontra l-Korruzzjoni (SAPO) il-kapaċità operazzjonali u s-setgħat meħtieġa biex jibda proċedimenti kriminali kontra l-Membri Parlamentari mingħajr l-approvazzjoni tal-Prosekutur Ġenerali. L-UE tistieden lill-Ukrajna tkompli ssaħħaħ il-qafas għall-prevenzjoni tal-korruzzjoni kemm fil-livell ċentrali kif ukoll f'dak lokali, inkluż permezz ta' miżuri mmirati kontra l-korruzzjoni. L-UE tistieden ukoll lill-Ukrajna timplimenta kontinwament il-qafas ta' politika kontra l-korruzzjoni, li jinkludi l-integrazzjoni tal-ġlieda kontra l-korruzzjoni, valutazzjonijiet iddedikati u miżuri speċifiċi għall-kuntest immirati lejn is-setturi l-aktar vulnerabbli bħall-ġudikatura, l-infurzar tal-liġi, l-akkwist pubbliku (b'mod partikolari l-akkwist fil-qasam tad-difiża), l-intrapriżi tal-istat, l-infrastrutturi, id-dwana u t-tassazzjoni, il-kostruzzjoni u l-ġestjoni tal-art, ir-riżorsi naturali u l-estrazzjoni, u l-edukazzjoni. L-UE tissottolinja li għandha tingħata attenzjoni partikolari lill-amministrazzjoni tar-riżorsi marbuta mal-assistenza internazzjonali u r-rikostruzzjoni relatati mal-gwerra, inkluż mill-UE. Fir-rigward tal-infurzar, l-UE tissottolinja wkoll li l-Ukrajna teħtieġ tagħmel aktar progress fil-ġlieda kontra l-impunità u x-xejriet sistemiki ta' korruzzjoni fil-livell ċentrali u lokali, li ser jeħtieġu riżorsi adegwati u approċċi robusti u olistiċi bbażati fuq impenn politiku ġenwin u viżjoni strateġika fit-tul. L-UE tfakkar li dan jeħtieġ progress sostanzjali lejn l-istabbiliment ta' rekord solidu ta' investigazzjonijiet, prosekuzzjonijiet u kundanni f'kawżi ta' korruzzjoni, b'mod partikolari kundanni finali f'livell għoli. L-UE tfakkar fl-impenn tal-Ukrajna li tħassar l-għeluq awtomatiku ta' kawżi kontra l-korruzzjoni ta' profil għoli meta jiskadu l-limiti ta' żmien għall-investigazzjoni ta' qabel il-proċess, tenfasizza li dan għandu jitneħħa għall-kawżi kollha, u li l-limiti ta' żmien eżistenti għandhom jiġu rieżaminati biex jiġu żgurati investigazzjonijiet effettivi.

L-UE tinnota li l-qafas legali u istituzzjonali tal-Ukrajna huwa parzjalment allinjat mal-acquis tal-UE u l-istandards Ewropej dwar id-**drittijiet fundamentali** u tissottolinja li l-implimentazzjoni tiegħu jeħtieġ tissaħħaħ biex tiġi garantitai t-tgawdija tad-drittijiet fundamentali fil-prattika minn kulħadd, inkluż it-tiżni tal-kapaċitajiet u l-indipendenza tal-korpi tad-drittijiet tal-bniedem.

L-UE tinnota li fir-rigward tal-prevenzjoni tat-tortura u t-trattament inuman jew degradanti u s-**sistema tal-ħabsijiet**, il-qafas legali u istituzzjonali huwa ġeneralment stabbilit, iżda ċerti aspetti ma jikkonformawx mal-istandards Ewropej f'dan il-qasam. L-UE tinnota l-impenn tal-Ukrajna li taġġorna l-qafas legali tagħha f'dan ir-rigward. L-UE tissottolinja li huma meħtieġa aktar sforzi biex jiġu implimentati s-sentenzi tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem f'dan il-qasam u biex jiġu indirizzati r-rakkomandazzjonijiet tal-Kumitat Ewropew għall-Prevenzjoni tat-Tortura billi jiġu indirizzati l-popolazzjoni eċċessiva fil-ħabsijiet, it-trattament ħażin tad-detenuiti u l-persuni kkundannati u l-kundizzjonijiet ħżiena fil-ħabsijiet u ċ-ċentri ta' detenzjoni.

L-UE tinnota li l-qafas leġiżlattiv dwar **il-protezzjoni tad-data** mhuwiex allinjat bis-sħiħ mal-acquis tal-UE. L-UE tissottolinja li l-Ukrajna teħtieġ li tkun allinjata bis-sħiħ mar-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data u d-Direttiva dwar l-Infurzar tal-Liġi. L-UE tissottolinja l-importanza tal-adozzjoni rapida tal-abbozz ta' liġijiet dwar il-protezzjoni tad-data personali u dwar il-Kummissjoni Nazzjonali dwar il-Protezzjoni tad-Data Personali u l-aċċess għall-informazzjoni pubblika. Il-kapaċitajiet istituzzjonali jeħtieġ li jiġu estiżi b'mod konsiderevoli biex jikkonformaw mal-prerogattivi mogħtija lill-Aġenzija għall-Protezzjoni tad-Data skont l-acquis tal-UE.

L-UE tinnota li fir-rigward tal-**libertà tal-espressjoni**, il-qafas legali u istituzzjonali tal-Ukrajna huwa parzjalment allinjat mal-acquis tal-UE u l-istandards Ewropej. L-UE tinnota l-pjanijiet tal-Ukrajna li tkun allinjata mal-acquis tal-UE dwar is-SLAPPs, l-Att Ewropew dwar il-Libertà tal-Media, kif ukoll l-Att dwar is-Servizzi Diġitali. L-UE tissottolinja li l-Ukrajna għandha tkompli bl-isforzi tagħha biex tiżgura l-indipendenza sħiħa tar-regolatur tal-media, il-Kunsill Nazzjonali tal-Ukrajna dwar it-Televiżjoni u x-Xandir bir-Radju. L-UE tissottolinja wkoll l-importanza ta' salvagwardji għall-funzjonament indipendenti tal-media tas-servizz pubbliku u regoli dwar l-allokazzjoni tar-reklamar mill-Istat, l-applikazzjoni rapida u effettiva ta' miżuri u salvagwardji għas-sikurezza u l-indipendenza tal-ġurnalisti, ir-rispett għar-rwol tagħhom fil-qasam tal-informazzjoni pubblika, l-obbligu ta' rendikont għal kwalunkwe każ ta' intimidazzjoni jew fastidju fuq il-ġurnalisti, l-implimentazzjoni ta' miżuri b'appoġġ għall-media pubblika lokali u approċċ adegwat u konsistenti għall-aċċess tal-ġurnalisti għal informazzjoni fil-kuntest tal-liġi marzjali. L-UE tissottolinja li l-implimentazzjoni tar-riformi tal-media għandha ssir mingħajr dewmien biex jitnaqqas ir-riskju li jitfaċċaw mill-ġdid strutturi monopolistiċi jew oligarkiċi. L-UE tinnota l-pjan tal-Ukrajna li timplimenta l-Pjan Direzzjonali biex Tappoġġa l-Istabiliment mill-ġdid ta' Spazju Pluralistiku, Trasparenti u Indipendenti tal-Media ta' Wara l-Gwerra wara t-Terminazzjoni jew il-Kanċellazzjoni tal-Liġi Marzjali.

Fir-rigward tal-**ugwaljanza bejn il-ġeneri u n-nondiskriminazzjoni**, fejn l-Ukrajna kisbet allinjament parzjali mal-acquis tal-UE, l-UE tinnota l-pjanijiet tal-Ukrajna biex tiżgura allinjament ukoll mad-Direttivi tal-UE dwar standards minimi għall-korpi tal-ugwaljanza. L-UE tissottolinja li huma meħtieġa sforzi biex il-qafas legali dwar il-ġlieda kontra d-diskors ta' mibegħda u r-reati ta' mibegħda jiġi allinjat mad-Deċiżjoni Qafas dwar il-ġlieda kontra ċerti forom u espressjonijiet ta' razziżmu u ksenofobija permezz tal-liġi kriminali. L-UE tinnota l-pjan tal-Ukrajna li temenda l-Kodiċi Kriminali u l-Kodiċi ta' Proċedura Kriminali tagħha kif xieraq. L-UE tinnota li l-qafas legali dwar in-nondiskriminazzjoni mhuwiex ċar rigward il-kamp ta' applikazzjoni (oqasma) tal-protezzjoni kontra d-diskriminazzjoni, iżda tinnota l-pjan tal-Ukrajna li ssaħħaħ il-leġiżlazzjoni tagħha, inkluż dwar miżuri għall-prevenzjoni u l-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni abbażi tal-orjentazzjoni sesswali u l-identità tal-ġeneru, u li temenda l-leġiżlazzjoni tagħha dwar l-għajjnuna legali mingħajr hłas għall-vittmi ta' tali reati kriminali. L-UE tilqa' l-pjan tal-Ukrajna li tadotta liġi li tintroduċi l-istituzzjoni ta' sħab reġistrati (inkluż sħubijiet bejn persuni tal-istess sess) f'konformità mas-sentenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem tal-1 ta' Ġunju 2023. L-UE tissottolinja l-ħtieġa li d-dritt nazzjonali jiġi allinjat bis-sħiħ mal-leġiżlazzjoni tal-UE fil-qasam tal-ugwaljanza u n-nondiskriminazzjoni. L-UE tinnota l-pjanijiet tal-Ukrajna li tiżgura allinjament sħiħ mal-acquis tal-UE dwar l-ugwaljanza bejn il-ġeneri u dwar il-ġlieda kontra l-vjolenza fuq in-nisa u l-vjolenza domestika, b'mod partikolari biex tindirizza b'mod effettiv il-forom kollha ta' vjolenza abbażi tal-ġeneru u l-vjolenza domestika kif ukoll biex ittejjeb id-disponibbiltà u s-sostenibbiltà tas-servizzi ta' appoġġ speċjalizzati għall-vittmi tal-vjolenza. L-UE tissottolinja l-ħtieġa li tittejjeb l-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni kontra d-diskriminazzjoni u d-diskors ta' mibegħda kif ukoll il-kapaċità ta' infurzar tal-uffiċjali tal-infurzar tal-liġi u l-Kummissarju Parlamentari għad-Drittijiet tal-Bniedem. L-UE tkegħgeġ lill-Ukrajna tiżgura l-ġbir ta' data dwar il-vjolenza fuq in-nisa u l-vjolenza domestika kif ukoll dwar id-diskriminazzjoni diżaggregata skont il-preġudizzju u t-tip ta' reat. L-UE tinnota l-pjanijiet tal-Ukrajna li ttejjeb is-sistema għall-monitoraġġ u r-reġistrazzjoni ta' reati motivati minn intolleranza abbażi tal-identità tal-ġeneru u l-orjentazzjoni sesswali kif ukoll li ttejjeb il-ġbir u l-analiżi sistematiki tad-data dwar l-inugwaljanzi bejn il-ġeneri.

L-UE tinnota li l-Ukrajna tieħu azzjonijiet biex tkompli trawwem id-drittijiet ta' **persuni b'diżabbiltà**, inkluż dwar ir-rekwiżiti ta' aċċessibbiltà għall-prodotti u s-servizzi u tiżgura progress lejn id-deistituzzjonalizzazzjoni billi timplimenta strateġija komprensiva. L-UE tissottolinja li huma meħtieġa sforzi biex jiġu implimentati standards Ewropej u internazzjonali f'dan il-qasam, inkluż il-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabbiltà, u biex ikun hemm allinjament ulterjuri mal-acquis tal-UE. L-UE tistieden ukoll lill-Ukrajna tkompli t-tranżizzjoni għal sistema ta' valutazzjoni tad-diżabbiltà bbażata fuq id-drittijiet tal-bniedem.

L-UE tinnota l-pjan tal-Ukrajna li tħares u ttejjeb il-protezzjoni tad-**drittijiet tat-tfal**, online u offline, billi tkompli tallinja ruħha mal-acquis tal-UE u l-istandards Ewropej fir-rigward tal-ġustizzja adattata għat-tfal u ssaħħaħ il-mekkaniżmu ta' protezzjoni soċjali għat-tfal u tiżgura d-dritt li t-tfal jitrabaw f'ambjent sigur. L-UE tinnota l-importanza li l-Ukrajna tagħmel progress deċiżiv fl-istabbiliment ta' sistema integrata għall-protezzjoni tat-tfal u dwar id-deistituzzjonalizzazzjoni tat-tfal barra mill-kura tal-ġenituri u t-tfal b'diżabbiltà, dwar l-iżgurar tat-tranżizzjoni lejn kura bbażata fil-familja jew ibbażata fil-komunità – anke bil-ħsieb tat-tnejjija għar-ritorn tat-tfal spostati minħabba l-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja, fosthom dawk li ġew deportati jew trasferiti illegalment mir-Russja. Dan jeħtieġ ukoll li tiġi żgurata d-disponibbiltà ta' data ta' kwalità, diżaggregata u aġġornata dwar it-tfal fl-istituzzjonijiet.

L-UE tinnota l-impenn tal-Ukrajna li ssaħħaħ l-allinjament mal-acquis tal-UE dwar id-drittijiet proċedurali tal-persuni suspettati u akkużati fi proċedimenti kriminali. Fir-rigward tad-drittijiet tal-vittmi tal-kriminalità, l-UE tinnota l-pjan tal-Ukrajna li tadotta liġi dwar il-kumpens għall-vittmi ta' reati kriminali vjolenti u tistieden lill-Ukrajna tieħu passi leġiżlattivi ulterjuri biex tallinja mad-Direttiva dwar id-Drittijiet tal-Vittmi, b'mod partikolari dwar il-kwistjonijiet relatati mal-valutazzjoni individwali tal-vittmi u d-disponibbiltà ta' miżuri ta' protezzjoni speċifiċi, inkluż għat-tfal vittmi tal-kriminalità.

L-UE tinnota li l-qafas legali tal-Ukrajna huwa ġeneralment konformi mal-istandards Ewropej dwar id-drittijiet ta' **persuni li jagħmlu parti minn minoranzi nazzjonali**. L-UE tissottolinja li dan għandu jiġi rivedut aktar wara t-tmiem tal-liġi marzjali fid-dawl tal-istandards Ewropej biex jiġu żgurati bis-sħiħ id-drittijiet tal-minoranzi għall-minoranzi nazzjonali individwali fiċ-ċirkostanzi speċifiċi tagħhom. L-UE tistieden lill-Ukrajna tibqa' f'konsultazzjonijiet sinifikattivi mar-rappreżentanti tal-minoranzi nazzjonali u tipprovdi riżorsi adegwati u ssaħħaħ il-kapaċitajiet tal-awtoritajiet responsabbli. F'dan il-kuntest, l-UE tinnota l-pjan tal-Ukrajna li ssaħħaħ il-kapaċità tal-Kummissarju Parlamentari għad-Drittijiet tal-Bniedem li jsegwi informazzjoni dwar id-drittijiet ta' persuni li jagħmlu parti minn minoranzi nazzjonali (komunitajiet) u li jidentifika fatti ta' azzjonijiet u prattiki diskriminatorji. L-UE tħeġġeġ lill-Ukrajna taġġorna d-data taċ-ċensiment tal-2001. L-UE tenfasizza li l-Kunsill tal-Minoranzi Nazzjonali għandu jkompli jiżviluppa f'korp rappreżentattiv għad-djalogu mal-awtoritajiet Ukreni dwar il-politiki li jaffettwaw il-minoranzi nazzjonali.

L-UE tissottolinja li l-Ukrajna teħtieġ tiżgura allinjament sħiħ tal-qafas leġiżlattiv tagħha mal-acquis tal-UE sabiex tiżgura t-tgawdija sħiħa tad-**drittijiet taċ-ċittadinanza tal-UE** mal-adeżjoni.

4. Kapitolu 24 - Ġustizzja, libertà u sigurtà

L-UE tinnotta li l-qafas legali tal-Ukrajna fil-qasam tal-**ġlieda kontra l-kriminalità serja u organizzata** u l-kooperazzjoni fl-infurzar tal-liġi huwa parzjalment allinjat mal-acquis tal-UE. L-UE tissottolinja li huma meħtieġa aktar sforzi biex jiġi żviluppat il-qafas legali u strateġiku f'konformità mar-riżultati tal-Valutazzjoni nazzjonali ta' Theddid mill-Kriminalità Serja u Organizzata (SOCTA) u biex tinbena l-kapaċità istituzzjonali għall-implimentazzjoni ta' dan il-qafas, b'mod partikolari fir-rigward tal-pulizija mmexxija mill-intelligence, il-ġestjoni u l-analiżi tal-informazzjoni, u l-kooperazzjoni bejn l-aġenziji. L-UE tħeġġeġ lill-Ukrajna tiżgura implimentazzjoni xierqa tal-Pjan Strateġiku Globali għar-Riforma tas-Settur tal-Infurzar tal-Liġi għall-2023-2027 u pjan ta' azzjoni korrispondenti għall-implimentazzjoni tiegħu (OAS AP). L-UE tistieden ukoll lill-Ukrajna tistabbilixxi delineazzjoni ċara tal-ġuriżdizzjoni investigattiva bejn il-korpi ta' investigazzjoni ta' qabel il-proċess u timplimenta gradwalment is-sistema ta' ġestjoni tal-kawżi elettroniċi. L-UE tistieden lill-Ukrajna ssaħħaħ il-koordinazzjoni strateġika u operazzjonali ġenerali tal-kriminalità serja u organizzata u timmodernizza l-leġiżlazzjoni dwar il-protezzjoni tax-xhieda u dwar l-intelligence kriminali. L-UE tissottolinja li l-Ukrajna teħtieġ issaħħaħ l-indipendenza u l-integrità u tiżgura riżorsi suffiċjenti għall-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi, kif ukoll tintroduċi proċeduri tar-reklutaġġ u l-għażla trasparenti u bbażati fuq il-mertu għal pożizzjonijiet maniġerjali tal-aġenziji tal-infurzar tal-liġi u l-uffiċċji tal-prosekuturi pubbliċi. L-Ukrajna jeħtieġ li tadotta u timplimenta liġi ta' riforma komprensiva tal-Uffiċċju Statali tal-Investigazzjoni, fuq il-mudell tal-Uffiċċju tas-Sigurtà Ekonomika tal-Ukrajna bl-involviment sinifikattiv ta' esperti indipendenti nnominati minn sħab internazzjonali. L-UE tissottolinja li l-kooperazzjoni ġudizzjarja u fl-infurzar tal-liġi tal-Ukrajna mal-Istati Membri tal-UE, is-CEPOL, il-Europol, il-Eurojust, u l-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew (UPPE), kif ukoll l-involviment attiv ħafna fl-EMPACT, qed jagħtu riżultati pożittivi. L-UE tinnotta li dawn l-isforzi għandhom ikomplu jissaħħu. L-Ukrajna tikkollabora wkoll b'mod attiv mal-Eurojust fil-qafas tal-Iskwadra ta' Investigazzjoni Konġunta dwar allegati delitti internazzjonali ewlenin imwettqa fl-Ukrajna kif ukoll maċ-Ċentru Internazzjonali għall-Prosekuzzjoni tad-Delitt ta' Aggressjoni kontra l-Ukrajna (ICPA) u stazzjonat ukoll uffiċjal ta' kollegament fil-livell ċentrali tal-UPPE.

L-UE tissottolinja li huma meħtieġa aktar sforzi biex jiġi kkonsolidat ir-rekord tal-investigazzjonijiet, il-prosekuzzjonijiet u l-kundanni finali fl-oqsma kollha tal-kriminalità serja u organizzata, inkluż il-ħasil tal-flus. L-UE tinnota li r-rispons tal-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi għall-kriminalità organizzata, b'mod partikolari l-investigazzjoni ta' networks kriminali ta' riskju għoli, jeħtieġ li jkun aktar proattiv u sistematiku. L-UE tissottolinja wkoll li l-Ukrajna għandha turi prattika kredibbli u sistematika tat-tnedija ta' investigazzjonijiet finanzjarji meta tittratta l-kriminalità serja u organizzata, inkluż il-ħasil tal-flus, li jwassal għal żieda fil-qbid u l-konfiska tal-assi. L-UE tkegġegħ lill-Ukrajna mhux biss biex iżżid l-użu tal-investigazzjonijiet finanzjarji iżda wkoll tiżviluppa l-kapaċità tagħha li tindirizza każijiet finanzjarji kumplessi. L-Ukrajna għandha tiżgura li l-leġiżlazzjoni rilevanti dwar l-investigazzjoni u l-kriminalizzazzjoni tal-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu tkun allinjata mal-acquis tal-UE u mal-istandards internazzjonali, bħal dawk tat-Task Force ta' Azzjoni Finanzjarja u Moneyval. L-UE tinnota l-impenn tal-Ukrajna li ssaħħaħ il-kapaċità fl-iffriżar u l-konfiska tal-assi u tistedinha ssaħħaħ il-leġiżlazzjoni rilevanti u tirrifirma s-sistema tagħha ta' rkupru u ġestjoni tal-assi, inkluż ir-riforma effettiva tal-Aġenzija Nazzjonali għat-Tiftix, it-Traċċar u l-Ġestjoni tal-Assi Derivati mill-Korruzzjoni u Reati Oħra (ARMA) f'konformità mal-Pjan għall-Ukrajna.

L-UE tistieden lill-Ukrajna tadotta l-leġiżlazzjoni u l-miżuri ta' implimentazzjoni kollha meħtieġa biex tallinja ruħha bis-sħiħ mal-acquis tal-UE fil-qasam ta' **ċiberkriminalità**, u biex taderixxi għat-tieni protokoll addizzjonali għall-Konvenzjoni ta' Budapest biex tiġġieled iċ-ċiberkriminalità b'mod effettiv. L-Ukrajna għandha turi wkoll rekord solidu fir-rigward tal-prevenzjoni u t-trażżin ta' ċiberkriminalità, u għal dak l-għan issaħħaħ il-kapaċità umana tal-atturi tas-sistema nazzjonali ta' ċibersigurtà.

L-UE tinnota l-pjan tal-Ukrajna li tallinja bis-sħiħ il-qafas regolatorju tagħha mal-istandards internazzjonali u l-acquis tal-UE fir-rigward tal-**abbuż sesswali tat-tfal, inkluż online** u li ssaħħaħ il-kapaċitajiet ġenerali tagħha u tistieden lill-Ukrajna tagħti attenzjoni partikolari lill-protezzjoni u l-prevenzjoni (inkluż il-prevenzjoni tar-rivittimizzazzjoni) tal-abbuż sesswali tat-tfal online u offline.

L-UE tinnota li hemm għadd kbir ta' armi tan-nar preżenti fl-Ukrajna, inkluż f'idejn ċivili, u tistieden lill-Ukrajna tipprevjeni u tiġġieled il-pussess u t-**traffikar illegali ta' armi tan-nar u armi ħfief u ta' kalibru żgħir (SALW)**. L-UE tistieden lill-Ukrajna tħaddem bis-sħiħ il-Punt Fokali Nazzjonali tagħha dwar l-Armi tan-Nar u r-Reġistru Unifikat tal-Armi tagħha. L-UE tenfasizza li l-Ukrajna għandha żżid l-isforzi tagħha fir-rigward tas-sensibilizzazzjoni, il-komunikazzjoni u l-edukazzjoni dwar il-perikli u r-riskji relatati mal-użu ħażin, il-pussess illeċitu, u t-traffikar tas-SALW, kif ukoll it-tnaqqis tal-armi tan-nar illeċiti permezz tal-legalizzazzjoni, il-konsenja volontarja u d-diżattivazzjoni. L-UE tilqa' l-fatt li l-Ukrajna qed tippjana li tiżviluppa pjan ta' azzjoni nazzjonali għall-ġlieda kontra t-traffikar illeċitu tal-armi tan-nar, li jkopri l-oqsma kollha ta' importanza, u tissottolinja li dan għandu jkun preċedut minn valutazzjoni nazzjonali komprensiva tat-theddid fil-qasam tal-kontroll tas-SALW.

L-UE tinnota li l-Ukrajna hija pajjiż ta' oriġini, ta' tranżitu u ta' destinazzjoni għat-**traffikar tal-bnedmin** u teħtieġ issaħħaħ il-miżuri tagħha kontra t-traffikar b'enfasi fuq persuni u tfal vulnerabbli. L-UE tissottolinja li l-Ukrajna għandha tallinja bis-sħiħ il-leġiżlazzjoni tagħha dwar it-traffikar tal-bnedmin mal-acquis tal-UE, inkluż dwar ir-responsabbiltà ta' persuni ġuridiċi għal reati ta' traffikar, u għandha tistabbilixxi kontroll aktar strett fuq il-persuni ġuridiċi, speċjalment fuq dawk li jittrattaw il-maternità surrogata u teknoloġiji oħra ta' riproduzzjoni u t-tfal għall-prevenzjoni u l-identifikazzjoni tat-traffikar tal-bnedmin. L-UE tinnota li l-Ukrajna qed taħdem fuq pjan ta' azzjoni nazzjonali għall-ġlieda kontra t-traffikar tal-bnedmin u qed tippjana li tadotta proċeduri għall-għoti ta' status ta' vittma u tiżgura assistenza finanzjarja f'waqtha lill-vittmi, kif ukoll biex issaħħaħ il-kooperazzjoni internazzjonali biex tiżgura l-protezzjoni u l-assistenza legali tal-vittmi Ukreni tat-traffikar barra mill-pajjiż. L-UE tissottolinja l-ħtieġa li jiġi implimentat b'mod konsistenti approċċ iċċentrat fuq il-vittmi fl-investigazzjonijiet u l-prosekuzzjonijiet kollha. L-UE tissottolinja li l-Ukrajna għad trid turi rekord solidu ta' investigazzjonijiet proattivi, prosekuzzjoni u kundanni finali f'dan il-qasam.

L-UE tinnota li l-qafas legali tal-Ukrajna huwa parzjalment allinjat mal-acquis tal-UE fil-qasam tad-drogi u tistieden lill-Ukrajna tiżgura allinjament sħiħ. L-UE tinnota li l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi tal-Ukrajna għandhom livell tajjeb ta' **kooperazzjoni fil-qasam tad-drogi** mal-kontropartijiet tagħhom fl-Istati Membri tal-UE. L-UE tistieden lill-Ukrajna tadotta qafas strateġiku ġenerali fil-qasam tad-drogi, li jindirizza kemm it-tnaqqis fil-provvista kif ukoll fid-domanda, kif ukoll il-ħsarat relatati mad-droga. L-UE tinnota wkoll il-pjan tal-Ukrajna li ssaħħaħ u toperazzjonalizza l-qafas istituzzjonali tagħha, b'mod partikolari billi ssaħħaħ il-kapaċitajiet tal-Osservatorju Nazzjonali dwar id-Drogi u tistabbilixxi sistema nazzjonali ta' twissija bikrija rigward l-iskambju ta' informazzjoni dwar sustanzi psikoattivi ġodda. L-UE tissottolinja li lil hinn mill-allinjament tal-qafas leġislativ u strateġiku mal-acquis tal-UE, ser ikun kruċjali li l-Ukrajna turi rekord solidu ta' sekwestri ta' drogi, prosekuzzjonijiet u kundanni f'kawżi relatati mad-droga, kif ukoll konfiska sistematika ta' assi kriminali u qerda rapida ta' drogi konfiskati. L-UE tistieden ukoll lill-Ukrajna tkompli tiżviluppa l-għbir tad-data f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea dwar id-Drogi (EUDA) dwar l-indikaturi kollha relatati mad-drogi u tintensifika l-kooperazzjoni operazzjonali għall-ġlieda kontra t-traffikar tad-droga, inkluż fl-EMPACT u mal-Europol.

L-UE tinnota li l-qafas leġislativ tal-Ukrajna dwar **il-ġlieda kontra t-terroriżmu** huwa parzjalment allinjat mal-acquis tal-UE. L-UE tissottolinja li hija meħtieġa aktar ħidma biex tiġi indirizzata l-kriminalizzazzjoni ta' reati relatati mat-terroriżmu, il-finanzjament tat-terroriżmu u l-ħasil tal-flus. L-UE tinnota l-impenn li jiġu adottati l-emendi meħtieġa biex ikun hemm allinjament mal-leġislativ dwar il-prekursuri tal-isplussivi, il-kontenut terroristiku online u l-protezzjoni tal-infrastruttura kritika. L-UE tistieden lill-Ukrajna tadotta qafas strateġiku għall-prevenzjoni tar-radikalizzazzjoni u l-estremiżmu vjolenti u tinnota li l-Ukrajna hija impenjata li ttejjeb il-qafas istituzzjonali tagħha billi taħtar entità ċentrali responsabbli għall-koordinazzjoni tal-prevenzjoni tar-radikalizzazzjoni u l-estremiżmu vjolenti. L-UE tinnota li l-Ukrajna ntrabtet li ssaħħaħ ir-reżiljenza tal-**infrastruttura kritika** billi tkompli tallinja mal-acquis tal-UE, tiddefinixxi b'mod ċar l-awtoritajiet kompetenti u s-setgħat tagħhom u tistabbilixxi punt uniku ta' kuntatt għall-koordinazzjoni ta' kwistjonijiet marbuta mar-reżiljenza tal-entitajiet kritiċi kif ukoll billi ssaħħaħ il-kooperazzjoni internazzjonali.

L-UE tinnota li l-Ukrajna għandha l-prinċipji bażiċi tal-**kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali, ċivili u kummerċjali** minqusa fil-leġiżlazzjoni tagħha, iżda li huwa meħtieġ aktar allinjament mal-acquis tal-UE, inkluż emendi kostituzzjonali li jippermettu l-estradizzjoni ta' ċittadini Ukreni. L-UE tissottolinja r-rieda tal-Ukrajna li tiffoka fuq l-implimentazzjoni u l-applikazzjoni xierqa tal-konvenzjonijiet internazzjonali rilevanti, b'mod partikolari l-Konvenzjonijiet ta' The Hague. L-UE tistieden lill-Ukrajna żżid il-kapaċità amministrattiva tagħha biex tissodisfa r-rekwiżiti tal-UE dwar il-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali, ċivili u kummerċjali u biex tiżgura kooperazzjoni effettiva mal-Eurojust, u mal-UPPE.

L-UE tinnota li l-Ukrajna rratifikat l-**Istatut ta' Ruma tal-Qorti Kriminali Internazzjonali**. L-UE tissottolinja li l-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-Istatut ta' Ruma tal-Qorti Kriminali Internazzjonali fis-sistema legali Ukrena hija kruċjali biex tissaħħaħ is-sistema ġudizzjarja tal-Ukrajna fl-eżerċizzju tal-ġuriżdizzjoni kriminali tagħha fuq dawk responsabbli għal **reati internazzjonali**. L-UE tinnota wkoll li l-Ukrajna adottat l-ewwel liġi li temenda l-Kodiċi Kriminali u l-Kodiċijiet tal-Proċedura Kriminali tal-Ukrajna b'rabta mar-ratifika tal-Istatut ta' Ruma tal-Qorti Kriminali Internazzjonali. L-UE tistieden lill-Ukrajna tiegħu l-passi kollha meħtieġa lejn l-armonizzazzjoni sħiħa tal-ordni legali tal-Ukrajna mal-Istatut ta' Ruma bħala parti minn sforz ta' riforma sistemiku u fit-tul.

L-UE tinnota li fir-rigward tal-**migrazzjoni**, l-Ukrajna teħtieġ tiddefinixxi, kif ukoll timplimenta, mekkaniżmi ta' koordinazzjoni ċari bejn l-awtoritajiet tal-istat involuti fil-ġestjoni tal-migrazzjoni, u b'mod partikolari tiżviluppa mekkaniżmu għall-koordinazzjoni bejn l-aġenziji f'każ ta' kriżi tal-migrazzjoni. L-UE tistieden lill-Ukrajna tlesti r-riforma tas-Servizz Nazzjonali tal-Migrazzjoni f'dan ir-rigward. L-UE tinnota l-pjan tal-Ukrajna li tadotta l-emendi meħtieġa fil-qasam tal-migrazzjoni legali biex tallinja mal-permess uniku għax-xogħol u r-residenza għan-nazzjonali ta' pajjiżi terzi (inkluż il-ħaddiema staġjonali), ma' ċerti dispożizzjonijiet dwar ir-riunifikazzjoni tal-familja u r-residenti fit-tul, mar-regoli dwar il-kundizzjonijiet għad-dħul u r-residenza għal ħaddiema bi kwalifiki għoljin permezz tal-Karta Blu tal-UE u għall-istudenti u r-riċerkaturi, u mar-regoli dwar il-ħaddiema bi trasferiment intraazjendali. L-UE tinnota wkoll il-pjan tal-Ukrajna li tallinja mal-acquis rilevanti tal-UE fil-qasam tal-migrazzjoni irregolari, b'mod partikolari fir-rigward tal-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' migranti u tistieden lill-Ukrajna tadotta emendi biex tallinja ruħha mad-Direttiva dwar Sanzjonijiet kontra Min Iħaddem. L-UE tenfasizza l-ħtieġa li jiżdiedu r-riżorsi finanzjarji, umani u tekniċi fil-qasam tal-migrazzjoni, b'mod partikolari biex il-migrazzjoni irregolari tiġi evitata u ġestita aħjar. L-UE tistieden lill-Ukrajna tiżgura kapaciċitajiet ta' akkoljenza adegwati u tapplika proċeduri ta' ritorn f'konformità mal-acquis tal-UE.

L-UE tistieden lill-Ukrajna tallinja ruħha bis-sħiħ mal-acquis tal-UE dwar l-**ażil**, b'mod partikolari fir-rigward tal-identifikazzjoni bikrija ta' kategoriji ta' persuni f'sitwazzjonijiet vulnerabbli u l-iżgurar tad-drittijiet tal-persuni li japplikaw għall-ażil. L-UE tistieden ukoll lill-Ukrajna ssaħħaħ il-kapaciċitajiet tagħha biex tfejji għal żieda fl-għadd ta' persuni li jfittxu l-ażil u ta' refuġjati u ssaħħaħ l-awtoritajiet statali ddedikati, inkluż billi talloka riżorsi xierqa.

L-UE tinnota li l-**politika tal-Ukrajna dwar il-viżi** għadha mhijiex allinjata bis-sħiħ ma' dik tal-UE, u tistieden lill-Ukrajna tqis diġà l-acquis tal-UE dwar il-viżi għal allinjament gradwali, u b'hekk turi l-impenn tal-pajjiż li jikseb allinjament sħiħ. L-UE tistieden ukoll lill-Ukrajna tallinja ruħha bis-sħiħ mal-lista ta' pajjiżi li jeħtieġu viża, b'enfasi partikolari fuq pajjiżi li jippreżentaw riskji ta' migrazzjoni irregolari jew riskji għas-sigurtà tal-UE. L-UE tinnota wkoll li s-sistemi ta' informazzjoni tal-Ukrajna ser jeħtieġu adattamenti tekniċi addizzjonali biex jikkonformaw mas-Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viża (VIS), li jistgħu jsiru wara l-adeżjoni.

L-UE tieħu nota, fir-rigward tal-**fruntieri ta' Schengen u dawk esterni**, tal-kooperazzjoni operazzjonali tajba u kostanti mal-Frontex dwar is-sorveljanza tal-fruntieri u t-taħriġ. L-UE tistieden lill-Ukrajna tkompli tiżviluppa din il-kooperazzjoni. L-UE tistieden ukoll lill-Ukrajna taħdem aktar fuq l-implimentazzjoni ta' sistema effettiva u effiċjenti ta' ġestjoni tal-fruntieri, f'konformità mal-metodoloġija tal-ġestjoni integrata Ewropea tal-fruntieri. L-UE tfakkar li partijiet sostanzjali tal-acquis ta' Schengen, inkluż in-nuqqas ta' kontrolli fil-fruntieri interni, ser ikunu soġġetti għall-issodisfar ta' rekwiżiti oġġettivi addizzjonali mill-Ukrajna li għandhom jiġu vverifikati skont il-mekkaniżmu ta' evalwazzjoni ta' Schengen. L-UE tieħu nota tal-impenn tal-Ukrajna li tadotta Pjan ta' Azzjoni ta' Schengen biex tħejji għas-sħubija fiż-żona Schengen.

Rigward il-**kontrafazzjoni tal-euro**, l-UE tinnota li l-Ukrajna għandha ssaħħaħ il-kooperazzjoni bejn l-aġenziji fil-kriminalizzazzjoni tal-kontrafazzjoni tal-flus, u tieħu nota tal-pjan tal-Ukrajna li ssaħħaħ l-Uffiċċju tas-Sigurtà Ekonomika. L-UE tistieden ukoll lill-Ukrajna tirtatifika u timplimenta l-Konvenzjoni ta' Ġinevra għas-Soppressjoni tal-Kontrafazzjoni tal-Muniti.

5. Kriterji ekonomiċi

L-UE tinnota li l-Ukrajna ħadet l-impenn li ssir **ekonomija tas-suq li tiffunzjona**. L-UE tissottolinja l-kunsens domestiku kontinwu dwar il-prinċipji fundamentali tal-politika ekonomika, inkluż l-impenn għas-sostenibbiltà fiskali, l-istabbiltà makrofinanzjarja, u l-applikazzjoni tal-prinċipji tas-suq. L-UE tinnota li l-aggressjoni mhux ġustifikata tar-Russja poġġiet pressjoni estrema fuq l-attività ekonomika. L-UE tinnota li, minkejja xi progress matul dawn l-aħħar snin, ambjent tan-negozju dgħajjef, livelli għoljin ta' informalità, u livelli baxxi ta' aċċess għall-finanzi u l-innovazzjoni jkomplu jillimitaw il-funzjonament effettiv tal-ekonomija tas-suq. L-UE tistieden lill-Ukrajna tindirizza b'mod sistematiku u bir-reqqa kemm ir-rakkomandazzjonijiet ta' politika tal-UE stabbiliti fil-pakketti tat-tkabbir kif ukoll l-impenni skont il-Pjan għall-Ukrajna, li ser jappoġġaw lill-Ukrajna biex tissodisfa l-kriterji ekonomiċi u tiġġieled l-ekonomija informali. L-UE thegġegħ lill-Ukrajna timplimenta l-impenni tagħha skont il-programmi tal-FMI, u ma' kwalunkwe organizzazzjoni internazzjonali oħra, li jappoġġaw lill-Ukrajna biex tissodisfa l-kriterji ekonomiċi.

L-UE tinnota li l-Ukrajna qed tagħmel progress fil-**kapaċità tagħha li tlaħħaq mal-pressjoni kompetittiva u l-forzi tas-suq ġewwa l-Unjoni**. Minkejja li għad fadal lakuni, u minkejja ċ-ċirkostanzi estremament diffiċli kkawżati mill-attakki deliberati tar-Russja fuq l-infrastruttura tal-enerġija u tat-trasport tal-Ukrajna, l-UE tinnota pożittivament li l-Ukrajna għamlet sforzi sinifikanti biex tippreserva l-infrastruttura tal-enerġija u tat-trasport tagħha, kif ukoll biex tagħmel progress fid-diġitalizzazzjoni tal-ekonomija u l-kwalità tal-edukazzjoni. L-UE tenfasizza li l-investimenti fl-oqsma kollha tal-infrastruttura fiżika jeħtieġu jkompli u jiġu appoġġati minn ġestjoni mtejba tal-investment pubbliku u riformi ta' governanza. L-UE tistieden lill-Ukrajna ttejjeb il-produttività u l-kompetittività tagħha, li bħalissa huma mxekkla minn nuqqas ta' ħaddiema u nfiq persistentement baxx fir-riċerka u l-iżvilupp u l-innovazzjoni.

L-UE tistieden lill-Ukrajna tiżgura l-obbligu ta' rendikont tal-governanza korporattiva kemm tal-intrapriżi privati kif ukoll dawk tal-istat billi tiċċara r-responsabbiltajiet tal-bordijiet fl-implimentazzjoni tal-politiki dwar il-ġestjoni tar-riskju, inkluż dwar il-ġlieda kontra l-korruzzjoni. L-UE tistieden lill-Ukrajna tipprevjeni r-riskji li jergħu jitfaċċaw strutturi oligarkiċi jew monopolistiċi f'setturi li għaddejjin minn privatizzazzjoni.

6. Kapitolu 5 - Akkwist pubbliku

L-UE tinnota wkoll li s-sistema tal-akkwist pubbliku tal-Ukrajna hija parzjalment allinjata mal-acquis tal-UE. L-UE tistieden lill-Ukrajna tiżgura l-prinċipju ta' trattament ugwali bejn l-operaturi ekonomiċi tal-UE u dawk tal-Ukrajna fis-sistema kollha tal-akkwist pubbliku, inkluż is-setturi klassiċi u tal-utilitajiet, il-konċessjonijiet u s-sħubijiet pubbliċi-privati (PPPs), u l-akkwist fil-qasam tad-difiża. Fir-rigward tas-**settur klassiku u tal-utilitajiet**, l-UE tistieden lill-Ukrajna tirreżamina l-kamp ta' applikazzjoni tal-leġiżlazzjoni, l-esklużjonijiet minnha, ir-raġunijiet għall-użu tal-proċedura nnegożjata, id-definizzjonijiet u l-kuntratti mħallta, l-istima tal-valur, il-kriterji għall-għażla u għall-aġġudikazzjoni, il-metodi tal-akkwist, kif ukoll il-modifiki u t-terminazzjoni tal-kuntratt. L-UE tinnota li l-Ukrajna hija parzjalment allinjata fil-qasam tal-**konċessjonijiet u l-PPPs** u tistieden lill-Ukrajna tirrevedi d-dispożizzjonijiet dwar il-lokalizzazzjoni – u speċifikament ir-rekwiżiti tal-istabbiliment – id-definizzjoni, l-għażla u l-esklużjoni tal-operaturi ekonomiċi, u l-limitazzjoni tar-riskju operattiv għall-parti privata. L-UE tissottolinja li l-Ukrajna teħtieġ ittejjeb il-leġiżlazzjoni tagħha dwar **l-akkwist fil-qasam tad-difiża u s-sigurtà**, filwaqt li tiżgura l-indipendenza taż-żewġ aġenziji tal-akkwist, tindirizza n-nuqqasijiet rigward id-definizzjoni inadegwata tal-awtoritajiet kontraenti, in-nuqqas ta' ċerti proċeduri, kriterji, u rekwiżiti għall-kwalifika tal-operaturi ekonomiċi, id-dispożizzjonijiet inkompleti dwar is-sottokuntrattar, u n-nuqqas ta' mekkaniżmi ta' rieżami speċifiċi relatati mad-difiża.

L-UE tinnota t-tnejnija moderata tal-Ukrajna f'termini tal-**kapaċità ta' implimentazzjoni u infurzar** fl-akkwist pubbliku. L-UE tissottolinja li l-Ukrajna għandha disponibbiltà limitata ta' riżorsi umani u finanzjarji suffiċjenti għall-ġestjoni tas-sistema tal-akkwist pubbliku, filwaqt li għandha biżżejjed kapaċità biex timplimenta u tinforza l-proċessi tal-akkwist pubbliku, speċjalment l-użu ta' sistema elettronika tal-akkwist. L-UE tistieden lill-Ukrajna ttejjeb it-trasparenza tas-sistema tal-akkwist pubbliku tagħha billi tnaqqas b'mod sinifikanti l-għadd ta' proċeduri ta' akkwist li jsiru barra mis-sistema elettronika tal-akkwist, tintroduċi regoli ċari għall-applikazzjoni ta' kriterji mhux tal-prezz u ttejjeb il-metodi għad-definizzjoni tar-rekwiżiti ta' qabel is-sejħa għall-offerti u l-metodoloġiji tal-kalkolu tal-kostijiet. L-UE tistieden lill-Ukrajna tkompli ttejjeb l-effettività tal-korp ta' kontroll u ta' monitoraġġ.

L-UE tissottolinja l-allinjament parzjali tal-Ukrajna mal-acquis dwar ir-**rimedji**. L-UE tistieden lill-Ukrajna tirrevedi l-leġiżlazzjoni tagħha filwaqt li tindirizza l-inkonsistenzi rigward il-limiti ta' żmien għas-sottomissjoni tal-ilmenti, u l-perjodi ta' waqfien li jħallu impatt negattiv fuq l-effettività tas-sistema ta' appell. L-UE tissottolinja li l-Ukrajna teħtieġ tirrevedi l-leġiżlazzjoni tagħha dwar ir-rimedji li jkopru l-konċessjonijiet u l-PPPs, l-akkwist issimplifikat u l-kuntratti diretti mogħtija barra mis-sistema elettronika tal-akkwist u tikkonforma aktar mal-acquis. L-UE tissottolinja li l-isforzi tal-Ukrajna għat-titjib tal-kapaċitajiet amministrattivi tal-Kumitat Kontra l-Monopolju tal-Ukrajna għandhom jiġu sostnuti. L-UE tinnota li l-Ukrajna tkompli tavvanza aktar is-sistema tagħha ta' ġestjoni tal-ilmenti elettroniċi, inkluż ukoll il-pubblikazzjoni tad-deċiżjonijiet tal-awtoritajiet kontraenti dwar l-offerti f'każ ta' kanċellazzjoni. L-UE tistieden lill-Ukrajna tkompli ssaħħaħ il-kapaċità tal-Qorti Amministrattiva responsabbli għall-appelli.

L-UE tissottolinja l-ħtieġa li l-Ukrajna ssaħħaħ l-**integrità** tal-akkwist pubbliku, billi ttejjeb il-valutazzjonijiet tar-riskju kontra l-korruzzjoni, il-kontrolli interni u esterni, u l-infurzar u l-mekkaniżmi tal-awditu. L-UE tistieden lill-Ukrajna tiżgura li l-leġiżlazzjoni tagħha dwar l-akkwist pubbliku tartikola b'mod ċar ir-rekwiżiti ta' trasparenza u integrità, kif ukoll biex tadotta u timplimenta strateġija kontra l-korruzzjoni mfassla apposta għall-akkwist pubbliku.

7. Kapitolu 18 - Statistika

L-UE tinnota li l-**infrastruttura tal-istatistika** tal-Ukrajna hija parzjalment konformi mal-acquis tal-UE. L-UE tistieden lill-Ukrajna talloka riżorsi finanzjarji u umani adegwati għas-settur tal-istatistika sabiex jinkiseb allinjament sħiħ mal-acquis tal-UE. L-Ukrajna hija mistiedna wkoll tiżgura l-indipendenza professjonali sħiħa tal-SSSU u produttori oħra tal-istatistika uffiċjali (b'mod partikolari l-Bank Nazzjonali tal-Ukrajna u l-Ministeru għall-Finanzi) u t-trażmissjoni lill-Eurostat tad-data kollha meħtieġa mill-acquis tal-UE.

L-UE tinnota li l-Ukrajna tuża wħud mill-**klassifikazzjonijiet** ewlenin tal-UE għall-produzzjoni tal-istatistika, iżda għad iridu jiġu introdotti verżjonijiet aktar ġodda. L-UE tistieden lill-Ukrajna tiżgura l-ħidma ulterjuri meħtieġa dwar ir-reġistri tal-istatistika biex tiżgura konformità sħiħa mal-acquis tal-UE.

L-UE tissottolinja l-allinjament parzjali tal-Ukrajna mal-acquis tal-UE dwar l-**istatistika**, b'ħidma sostanzjali quddiemha fl-oqsmha kollha. L-UE tistieden lill-Ukrajna tagħmel aktar progress fl-oqsmha statistiċi kollha sabiex jintlaħaq allinjament sħiħ.

8. Kapitolu 32 - Kontroll Finanzjarju

L-UE tinnota li l-Ukrajna hija parzjalment allinjata mal-istandards tal-UE dwar il-**kontroll intern tal-finanzi pubbliċi** u tistieden lill-Ukrajna ttejjeb l-implimentazzjoni effettiva, b'mod partikolari fir-rigward tal-obbligu ta' rendikont maniġerjali delegat u l-ġestjoni tar-riskju. L-UE tissottolinja li l-kapaċitajiet tal-funzjoni tal-awditu intern jeħtieġu jissaħħu u tistieden lill-Ukrajna tiċċara wkoll ir-rwol tas-Servizz Nazzjonali tal-Awditu.

L-UE tinnota li l-Ukrajna hija allinjata parzjalment mal-acquis tal-UE dwar l-awditu estern. L-UE tissottolinja li l-Ukrajna teħtieġ issaħħaħ l-indipendenza politika, finanzjarja u amministrattiva u l-mandat tal-Kamra tal-Kontabbiltà tal-Ukrajna (ACU), f'konformità mar-rekwiżiti tal-INTOSAI. L-UE tistieden lill-Ukrajna ttejjeb il-kooperazzjoni bejn l-ACU u l-Verkhovna Rada tal-Ukrajna biex tissaħħaħ is-sorveljanza tal-baġit tal-Istat. Il-ħidma tal-awditu teħtieġ ttejjeb b'enfasi fuq l-impatt tagħha u bl-għan li jkun hemm allinjament mal-istandards internazzjonali.

L-UE tistieden lill-Ukrajna tallinja bis-sħiħ il-leġiżlazzjoni nazzjonali tagħha mad-direttiva tal-UE dwar il-ġlieda kontra l-frodi li jaffettwaw l-**interessi finanzjarji tal-UE** permezz tal-liġi kriminali.

L-UE tistieden lill-Ukrajna tistabilixxi formalment u ssaħħaħ il-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti dwar il-**protezzjoni tal-euro kontra l-kontrafazzjoni** u tinnota li l-Ukrajna hija parzjalment allinjata mal-acquis tal-UE f'dan il-qasam.

* * *

Fid-dawl tal-istat attwali tat-tnejn tal-Ukrajna, l-UE tinnotta li bil-fehim li l-Ukrajna għandha tkompli tagħmel progress fl-allinjament mal-acquis tal-UE u fl-implimentazzjoni tiegħu u mal-istandards Ewropej rilevanti koperti mill-Ġabra 1, jeħtieġ li jintlaħqu l-punti ta' riferiment interim li għejjin qabel ma jkunu jistgħu jittieħdu l-passi li jmiss fil-proċess ta' negozjati tal-ġabra:

- *fuq livell orizzontali għall-Ġabra 1*, l-Ukrajna tiżgura monitoraġġ mill-qrib u permanenti tal-implimentazzjoni sostnuta tal-pjanijiet direzzjonali dwar l-istat tad-dritt, ir-riforma tal-amministrazzjoni pubblika u l-funzjonament tal-istituzzjonijiet demokratiċi permezz ta' mekkaniżmu ta' sorveljanza robust u multidixxiplinari, b'attenzjoni partikolari għall-adegwatezza tar-riżorsi umani u finanzjarji, il-kapaċità istituzzjonali, ir-rispett tal-iskadenzi stabbiliti, u djalogu attiv u sinifikattiv mas-soċjetà ċivili.

Kapitolu 23 - Ġudikatura u drittijiet fundamentali

L-Ukrajna tkompli timplimenta r-riforma komprensiva tagħha tal-ġustizzja, billi tikseb titjib fl-imparzjalità, l-indipendenza, l-obbligu ta' rendikont, il-kwalità u l-effiċjenza tas-sistema ġudizzjarja f'konformità mal-acquis tal-UE u l-istandards Ewropej. B'mod partikolari, l-Ukrajna ser tissodisfa dan il-punt ta' riferiment interim ladarba tkun:

- Saħħet l-indipendenza, l-integrità, l-istatus u l-kapaċitajiet istituzzjonali tal-korpi ta' governanza u awtogovernanza ġudizzjarji u ta' prosekuzzjoni, inkluż fir-rigward tal-mili ta' pożizzjonijiet vakanti, filwaqt li tagħmel progress tanġibbli dwar l-ottimizzazzjoni tal-governanza ġudizzjarja, il-ġestjoni tal-qrati u s-servizz ta' prosekuzzjoni biex tissaħħaħ l-effiċjenza tagħhom.

- Kompletta issaħħaħ l-indipendenza strutturali, l-integrità u l-obbligu ta' rendikont sostnuti fil-livelli kollha tal-ġudikatura, speċjalment billi ttejjeb il-proċessi tal-għażla bbażata fuq il-mertu; tirrevedi l-proċeduri ta' skrutinju tal-integrità għall-Qorti Suprema u mħallfin oħra tal-qorti superjuri u l-proċeduri tal-għażla għall-Qorti Suprema u testendi mingħajr dewmien il-kummissjoni tal-għażla għall-membri tal-Kummissjoni Għolja tal-Kwalifiki tal-Imħallfin tal-Ukrajna (HQ CJ), bl-involviment sinifikattiv ta' esperti indipendenti nnominati minn sħab internazzjonali; tagħmel il-proċedura tal-għażla u ta' tkeċċija għall-Prosekutur Ġenerali u l-prosekuturi ta' livell għoli aktar trasparenti u bbażata fuq il-mertu; tneħħi d-dispożizzjonijiet li jippermettu l-ħatra u t-trasferiment ta' prosekuturi f'uffiċċji tal-prosekuzzjoni reġjonali u l-Uffiċċju tal-Prosekutur Ġenerali mingħajr kompetizzjoni u li jagħtu d-dritt lill-Uffiċċju tal-Prosekutur Ġenerali li jaċċessa kwalunkwe materjal ta' investigazzjoni qabel il-proċess; tagħmel progress fl-iskrutinju ta' mħallfin fil-kariga bl-involviment tal-Kunsill għall-Integrità Pubblika u l-attestazzjoni tal-prosekuturi; tindirizza x-xogħol b'lura f'kawżi dixxiplinarji u ttejjeb l-għodod dixxiplinari u l-għodod għall-prevenzjoni tal-korruzzjoni u l-infurzar tagħhom, inkluż id-dikjarazzjonijiet tal-integrità, u tmexxi 'l quddiem b'mod sinifikanti l-implimentazzjoni ta' tqassim trasparenti u aleatorju tal-kawżi.
- Tejbet il-kwalità tal-ġustizzja, fost l-oħrajn billi tnaqqas b'mod sinifikanti n-nuqqas fl-għadd ta' mħallfin u ta' persunal ta' appoġġ, tintroduċi evalwazzjoni tal-prestazzjoni perjodika effettiva tal-imħallfin u l-prosekuturi abbażi ta' regoli u kriterji ta' valutazzjoni ċari u oġġettivi, tirriforma l-Kamra tal-Avukati, u tkompli bir-riforma tal-aċċess u l-kwalità tas-sistema edukattiva legali u t-taħriġ inizjali u kontinwu għall-imħallfin u l-prosekuturi.

- Tejbet l-effiċjenza u l-prestazzjoni tal-qrati u tal-uffiċċji tal-prosekuzzjoni, inkluż billi ttejjeb il-leġiżlazzjoni dwar il-proċedura tal-Qorti Kostituzzjonali, waqt li tiżgura l-kworum tal-Qorti Kostituzzjonali u l-ħatra f'waqtha ta' kandidati li jgħaddu taħt skrutinju internazzjonali, filwaqt li tqis ir-rakkomandazzjonijiet rilevanti tal-Kummissjoni ta' Venezja, tespandi l-użu ta' soluzzjoni alternattiva għat-tilwim, ittejjeb l-għajnuna legali u l-infurzar tad-deċiżjonijiet tal-qrati, inkluż billi tiegħu passi tanġibbli biex telimina gradwalment il-moratorji leġiżlattivi, tavvanza d-diġitalizzazzjoni tas-sistema ġudizzjarja u tistabbilixxi qorti amministrattiva ġdida wara għażla għaqlija u kredibbli ta' mħallfin bl-involvement sinifikattiv ta' esperti indipendenti nnominati minn sħab internazzjonali.

L-Ukrajna tagħmel aktar progress sinifikanti fl-indirizzar u l-prevenzjoni tal-korruzzjoni.

B'mod partikolari, l-Ukrajna ser tissodisfa dan il-punt ta' riferiment interim ladarba tkun:

- Avvanzat, sostniet u implimentat kontinwament l-oqfsa legali u strateġiċi kontra l-korruzzjoni, inkluż l-allinjament gradwali sinifikattiv mal-acquis tal-UE u l-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet rilevanti tal-GRECO, l-OECD u l-OSKE/ODIHR, b'koordinazzjoni, ibbaġitjar, monitoraġġ u evalwazzjoni effettivi;
- Saħħet l-indipendenza, l-effikaċja tal-mandat u l-kapaċità operazzjonali tal-istituzzjonijiet speċjalizzati kontra l-korruzzjoni (kemm għall-prevenzjoni kif ukoll għar-repressjoni tal-korruzzjoni), fost l-oħrajn billi testendi l-ġuriżdizzjoni tal-Uffiċċju Nazzjonali Kontra l-Korruzzjoni tal-Ukrajna (NABU) biex tkopri l-pożizzjonijiet pubbliċi kollha ta' riskju għoli u billi tagħti lill-Uffiċċju tal-Prosekutur Speċjalizzat Kontra l-Korruzzjoni (SAPO) is-setgħat meħtieġa biex jibda proċedimenti kriminali kontra Membri tal-Parlament mingħajr l-approvazzjoni minn qabel tal-Prosekutur Ġenerali;

- Saħħet l-effiċjenza tal-qafas għall-prevenzjoni tal-korruzzjoni billi tagħmel aktar progress fl-iżvilupp u l-infurzar ta' oqfsa legali u ta' politika relatati mad-dikjarazzjonijiet tal-assi, il-protezzjoni tal-informaturi, il-kunflitt ta' interess, il-lobbjar, il-finanzjament tal-partiti politiċi/kampanji elettorali, inkluż sanzjonijiet effettivi, proporzjonati u dissważivi biżżejjed f'każ ta' ksur;
- Għamlet progress tanġibbli lejn rekord solidu ta' investigazzjonijiet, prosekuzzjonijiet u kundanni f'kawżi ta' korruzzjoni, b'mod partikolari kundanni finali f'livell għoli, u żiedet l-għadd u l-valur ġenerali ta' assi sekwestrati, iffriżati u kkonfiskati, inkluż billi tneħħi mil-leġiżlazzjoni d-dispożizzjoni dwar l-għeluq awtomatiku ta' kawżi kriminali minħabba l-iskadenza tal-limiti ta' żmien tal-investigazzjoni ta' qabel il-proċess u billi tirrieżamina l-limiti ta' żmien eżistenti;
- Tejbet l-integrazzjoni ta' miżuri tanġibbli tal-ġlieda kontra l-korruzzjoni permezz ta' valutazzjonijiet tar-riskju u miżuri ta' integrità sistemiċi fis-setturi l-aktar vulnerabbli għall-korruzzjoni.

L-Ukrajna tkompli ssaħħaħ il-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali fil-prattika. B'mod partikolari, l-Ukrajna ser tissodisfa dan il-punt ta' riferiment interim ladarba tkun:

- Saħħet l-implimentazzjoni tal-qafas legali u ta' politika għad-drittijiet fundamentali u l-infurzar tagħhom fil-prattika, b'mod partikolari permezz ta' kapaċità msaħħa ta' istituzzjonijiet indipendenti tad-drittijiet fundamentali u tħejjija għar-restawr tad-drittijiet u l-libertajiet fundamentali wara t-tmiem tal-liġi marzjali;
- Komplet bir-riforma tal-ħabsijiet u ċ-ċentri ta' detenzjoni, inkluż kundizzjonijiet imtejba kif ukoll ħadet passi għall-prevenzjoni u l-indirizzar ta' każijiet ta' trattament ħażin;
- Adottat u bdiet timplimenta l-leġiżlazzjoni dwar il-protezzjoni tad-data f'konformità mal-acquis tal-UE, inkluż bit-tisħiħ tal-kapaċitajiet tal-Kummissjoni Nazzjonali dwar il-Protezzjoni tad-Data Personali;

- Tejbet il-libertà tal-espressjoni u l-libertà u l-pluraliżmu tal-media permezz tat-tisħiħ tal-indipendenza u l-kapaċità istituzzjonali tal-media tas-servizz pubbliku u tar-regolatur tal-media kif ukoll is-salvagwardji tal-protezzjoni tal-ġurnalisti;
- Komplet tiżgura l-progress lejn l-allinjament leġiżlattiv tal-liġi nazzjonali mal-acquis tal-UE dwar l-ugwaljanza u n-nondiskriminazzjoni, inkluż is-sentenza tal-QEDB tal-1 ta' Ġunju 2023, kif ukoll dwar ir-reati ta' mibegħda u d-diskors ta' mibegħda, id-drittijiet tal-persuni b'diżabbiltà, l-ugwaljanza bejn il-ġeneri u l-ġlieda kontra l-vjolenza abbażi tal-ġeneru, id-drittijiet proċedurali tal-persuni suspettati u dawk akkużati fi proċedimenti kriminali u d-drittijiet tal-vittmi;
- Għamlet progress lejn sistema integrata għall-protezzjoni tat-tfal u lejn l-allinjament mal-acquis tal-UE dwar id-drittijiet tat-tfal, u għamlet progress lejn id-deistituzzjonalizzazzjoni tat-tfal barra mill-kura tal-ġenituri u tal-persuni b'diżabbiltà (adulti u tfal);
- Komplet timplimenta b'mod konsistenti – f'konformità mal-istandards Ewropej u l-qafas tan-negozjati – il-liġijiet u l-impenji rilevanti sabiex tiproteġi d-drittijiet tal-persuni li jagħmlu parti minn minoranzi nazzjonali, li huma parti integrali mill-pjan ta' azzjoni rivedut tal-Ukrajna ddedikat għall-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem ta' persuni li jagħmlu parti minn minoranza.

Kapitolu 24 - Ġustizzja, libertà u sigurtà

L-Ukrajna tagħmel progress tanġibbli fil-ġlieda kontra l-kriminalità serja u organizzata.

B'mod partikolari, l-Ukrajna ser tissodisfa dan il-punt ta' riferiment interim ladarba tkun:

- Allinjat ruħha aktar mal-acquis tal-UE dwar il-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata, inkluż dwar l-investigazzjoni u l-kriminalizzazzjoni tal-ħasil tal-flus, kif ukoll l-iffriżar u l-konfiska tal-assi;

- Għamlet progress tanġibbli biex turi rekord solidu ta' investigazzjonijiet, prosekuzzjonijiet, u kundanni finali fl-oqsmha kollha tal-kriminalità serja u organizzata (inkluż it-traffikar tal-bnedmin u l-abbuż sesswali tat-tfal, iċ-ċiberkriminalità, it-traffikar tal-armi, il-produzzjoni u t-traffikar tad-droga, il-ħasil tal-flus u l-ġlieda kontra t-terroriżmu);
- Għamlet progress tanġibbli fir-riforma komprensiva tal-Uffiċċju tal-Istat għall-Investigazzjoni, bl-involviment sinifikattiv ta' esperti indipendenti nnominati minn sħab internazzjonali.
- Uriet prattika kredibbli u sistematika tat-tnedija ta' investigazzjonijiet finanzjarji meta tiġi ttrattata l-kriminalità serja u organizzata, inkluż il-ħasil tal-flus;
- Għamlet progress tanġibbli biex turi rekord solidu fis-sekwestru u l-konfiska finali ta' assi, u biex issaħħaħ is-sistema ta' rkupru u ġestjoni tal-assi, fost l-oħrajn bit-tisħiħ u l-progress fir-riforma tal-Aġenzija għall-Irkupru u l-Ġestjoni tal-Assi bl-involviment sinifikattiv ta' esperti indipendenti nnominati minn sħab internazzjonali;
- Għamlet progress tanġibbli fiż-żarmar ta' networks tat-traffikar tal-bnedmin u fil-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-pussess u t-traffikar illeċiti tal-armi tan-nar, inkluż bl-operazzjonalizzazzjoni tal-Punt Fokali Nazzjonali dwar l-Armi Ħfief u ta' Kalibru Żgħir.
- Saħħet il-qafas istituzzjonali tagħha, b'mod partikolari billi tiddefinixxi b'mod aktar ċar is-setgħat tal-aġenziji tal-infurzar tal-liġi, tejbet l-indipendenza u l-integrità tagħhom, il-kapaċitajiet operazzjonali, analitiċi u tal-IT, il-kooperazzjoni bejn l-aġenziji u t-taħriġ tal-persunal tal-infurzar tal-liġi.
- Saħħet il-kapaċità amministrattiva biex tissodisfa r-rekwiżiti tal-UE dwar il-kooperazzjoni ġudizzjarja, f'materji kriminali, ċivili u kummerċjali u biex tiżgura kooperazzjoni effettiva mal-Eurojust, u l-UPPE.

L-Ukrajna ssaħħaħ l-isforzi tagħha fil-kooperazzjoni fil-qasam tad-drogi. B'mod partikolari, l-Ukrajna ser tissodisfa dan il-punt ta' riferiment interim ladarba tkun:

- Stabbiliet sistema Nazzjonali ta' Twissija Bikrija li tiffunzjona u li jkollha biżżejjed riżorsi, saħħet l-Osservatorju Nazzjonali dwar id-Drogi, għamlet progress fl-allinjament tal-leġiżlazzjoni tagħha mal-acquis tal-UE dwar id-drogi u l-prekursuri tad-droga, kif ukoll id-distruzzjoni tad-droga;
- Għamlet progress tanġibbli lejn rekord solidu ta' sekwestri u distruzzjoni ta' drogi u konfiska ta' assi korrispondenti.

L-Ukrajna tagħti riżultati fl-oqsma tal-migrazzjoni legali u irregolari, u l-ażil, u dwar kwistjonijiet relatati mal-acquis ta' Schengen u l-fruntieri esterni u l-politika dwar il-viżi.

B'mod partikolari, l-Ukrajna ser tissodisfa dan il-punt ta' riferiment interim ladarba tkun:

- Tejbet l-allinjament mal-acquis tal-UE rigward il-migrazzjoni, l-ażil, il-politika dwar il-viżi u l-ġestjoni tal-fruntieri, inkluż allinjament ulterjuri mal-metodoloġija tal-IBM Ewropea;
- Tejbet il-kapaċitajiet istituzzjonali tagħha, il-mekkaniżmi ta' kooperazzjoni u koordinazzjoni fost l-awtoritajiet involuti fil-ġestjoni tal-migrazzjoni, il-fruntieri u l-ażil, u saħħet il-ġlieda kontra l-migrazzjoni irregolari u l-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' migranti;
- Tejbet is-sistema tal-ażil tagħha, inkluż proċeduri li jggarantixxu d-drittijiet ta' applikazzjoni għall-ażil u ta' appell għad-deċiżjonijiet.

* *

Minħabba l-istat attwali tat-tnejjiet tal-Ukrajna, u jekk l-Ukrajna tissodisfa l-punti ta' riferiment interim, fuq livell orizzontali u għall-kapitoli dwar l-istat tad-dritt, l-UE tinnota li, bil-fehim li l-Ukrajna għandha tkompli tagħmel progress fl-allinjament mal-acquis tal-UE u fl-implimentazzjoni tiegħu kopert mill-kapitoli li ġejjin, u mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe kundizzjoni addizzjonali stabbilita fil-punti ta' riferiment ulterjuri definiti għall-Ġabra 1, dawn jistgħu jingħalqu proviżorjament biss ladarba l-UE taqbel li jkun ntlaħqu l-punti ta' riferiment li ġejjin:

Kapitolu 5 - Akkwist pubbliku

- L-Ukrajna tallinja bis-sħiħ il-qafas legali nazzjonali tagħha mal-acquis tal-UE fir-rigward tal-oqsma kollha tal-akkwist pubbliku, inkluż ukoll il-konċessjonijiet, is-sħubijiet pubbliċi-privati, u l-akkwist fil-qasam tad-difiża, u b'hekk tkun żgurata l-integrità tal-aġenziji tal-akkwist, u l-ftehimiet internazzjonali li jeżentaw ċertu akkwist mir-regoli tal-akkwist pubbliku, f'konformità mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-UE, il-leġiżlazzjoni tal-UE dwar l-akkwist u ma' kwalunkwe dispożizzjoni rilevanti oħra tal-acquis tal-UE;
- L-Ukrajna tistabbilixxi kapaċità amministrattiva, operazzjonali u istituzzjonali adatta fil-livelli kollha u tiegħu miżuri adegwati sabiex tiżgura l-implimentazzjoni u l-infurzar adatti tal-leġiżlazzjoni nazzjonali f'dan il-qasam fi żmien adegwat qabel l-adeżjoni. Dan jinkludi rekord ippruvat ta':
 - it-tnejjija ta' għodod prattiċi ta' implementazzjoni u monitoraġġ (inkluż regoli amministrattivi, istruzzjonijiet, manwali, u dokumenti ta' kuntratti standard);
 - it-tisħiħ tal-mekkaniżmi ta' kontroll li huma meħtieġa biex jiġu żgurati għarfien sħiħ u affidabbiltà tas-sistema, inkluż billi jiġu żgurati awditi bikrija, monitoraġġ mill-qrib u trasparenza msaħħa tal-fażi ta' eżekuzzjoni tal-kuntratti pubbliċi abbażi ta' valutazzjonijiet tar-riskju sistematiċi bil-prijoritizzazzjoni tal-kontrolli fis-setturi u l-proċeduri l-aktar vulnerabbli għall-korruzzjoni u l-frodi, inkluż id-difiża, l-enerġija u r-rikostruzzjoni;

- funzjonament effettiv tas-sistema ta' rimedji, inkluż fil-qasam tal-konċessjonijiet, tas-sħubijiet pubbliċi-privati u tal-akkwist pubbliku fil-qasam tad-difiża;
- valutazzjonijiet tar-riskju mtejba, rekwiżiti ta' trasparenza tal-kostijiet, diliġenza dovuta tal-offerenti u mekkaniżmi ta' infurzar għall-prevenzjoni u l-għieda kontra l-korruzzjoni u l-kunflitt ta' interess fl-akkwist pubbliku kemm fil-livell ċentrali kif ukoll f'dak lokali.
- L-Ukrajna turi rekord solidu ta' sistema tal-akkwist pubbliku ġusta u trasparenti, li tippermetti l-użu effiċjenti, effettiv, u ta' benefiċċju ekonomiku tar-riżorsi pubbliċi, il-kompetizzjoni u salvagwardji b'saħħithom u azzjoni kontra l-korruzzjoni.

Kapitolu 18 - Statistika

- L-Ukrajna tippreżenta data ewlenija dwar il-makroekonomija (kontijiet nazzjonali u SFG /PDE) f'konformità mal-metodoloġija tas-Sistema Ewropea tal-Kontijiet (ESA) fis-seħħ, kif ukoll il-programm ta' trażmissjoni tal-ESA relatat, ir-rekwiżiti ta' notifika tal-ING u tal-PDE u rekwiżiti rilevanti oħra flimkien mad-deskrizzjoni dettaljata meħtieġa tal-metodoloġija użata u li l-Eurostat ikun diġà vverifika d-data u d-deskrizzjonijiet ippreżentati u jkun diġà kkonferma l-allinjament xieraq mar-regoli tal-UE fir-rigward tal-puntwalità, il-kompletezza, il-koerenza, it-trasparenza u l-akkuratezza;
- L-Ukrajna tadotta pjan direzzjonali għal: (i) l-għeluq ta' lakuni li jifdal fit-tabelli kollha tal-ESA, (ii) it-trażmissjoni ta' tabelli li jifdal mill-Programm ta' Trażmissjoni tal-ESA, (iii) l-għeluq ta' lakuni li jifdal fl-informazzjoni li għandha tiġi pprovduta flimkien mat-tabelli tal-PDE, u (iv) l-implimentazzjoni ta' kwistjonijiet metodoloġiċi li jifdal. L-Eurostat jikkonferma r-rilevanza tal-pjan direzzjonali.

Kapitolu 32 - Kontroll Finanzjarju

- L-Ukrajna tiegħu miżuri xierqa biex tiżgura l-implimentazzjoni xierqa tal-qafas regolatorju applikabbli għall-kontroll intern, inkluż l-obbligu ta' rendikont maniġerjali ddelegat u l-geštjoni tar-riskju. Il-kapaçità istituzzjonali tal-funzjoni tal-awditu intern tissaħħaħ biex jiġu żgurati l-implimentazzjoni u l-infurzar xierqa tal-leġiżlazzjoni nazzjonali dwar il-kontroll intern tal-finanzi pubbliçi.
- L-indipendenza politika, finanzjarja u amministrattiva u l-mandat tal-Kamra tal-Kontabbiltà tal-Ukrajna jkunu żgurati, f'konformità mal-istandards tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tal-Istituzzjonijiet Supremi tal-Awditjar (INTOSAI);
- L-Ukrajna tkun allinjat il-leġiżlazzjoni tagħha mal-acquis tal-UE dwar il-ġlieda kontra l-frodi u kwalunkwe attività illegali oħra li taffettwa l-interessi finanzjarji tal-Unjoni; l-Ukrajna tiżgura l-mandat u l-kapaçità operazzjonali għall-koordinazzjoni nazzjonali tagħha kontra l-frodi biex tipprovdi koordinazzjoni suffiçjenti u effettiva tal-attivitajiet kontra l-frodi; l-Ukrajna timplimenta Strateġija Nazzjonali effiçjenti Kontra l-Frodi għall-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-UE; l-Ukrajna jkollha rekord solidu ta' kooperazzjoni mal-Kummissjoni, l-OLAF u l-Uffiçċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew (UPPE) dwar irregolaritajiet irrappurtati u kawżi ta' investigazzjoni li jinvolvu l-fondi tal-UE.
- L-Ukrajna tallinja l-leġiżlazzjoni tagħha mal-acquis tal-UE dwar l-awtentikazzjoni tal-muniti tal-euro, tirtatifika u timplimenta l-Konvenzjoni Internazzjonali ta' Ġinevra tal-1929 għas-soppressjoni tal-kontrafazzjoni tal-muniti.

* *

Il-monitoraġġ tal-progress fl-allinjament mal-acquis tal-UE u l-implimentazzjoni tiegħu u mal-istandards Ewropej rilevanti ser ikompli matul in-negozjati. L-UE tissottolinja li ser tagħti attenzjoni partikolari lill-monitoraġġ tal-kwistjonijiet speċifiċi kollha msemmijin hawn fuq bil-ħsieb li tiżgura l-kapaċità amministrattiva tal-Ukrajna, il-kapaċità tagħha li tlesti l-allinjament legali fis-setturi kollha taħt din il-ġabra, kif ukoll progress ulterjuri fl-implimentazzjoni u l-infurzar. Jeħtieġ jiġu kkunsidrati b'mod partikolari r-rabtiet bejn din il-ġabra u ġabriet oħra ta' negozjar. Valutazzjoni finali tal-konformità tal-leġiżlazzjoni tal-Ukrajna mal-acquis tal-UE u mal-istandards Ewropej rilevanti kif ukoll tal-kapaċità ta' implimentazzjoni tagħha tista' ssir biss fi stadju aktar tard tan-negozjati. Minbarra l-informazzjoni kollha li l-UE tista' tirrikjedi għan-negozjati f'din il-ġabra u li għandha tiġi pprovduta lill-Konferenza, l-UE tistieden lill-Ukrajna tipprovdi regolarment informazzjoni dettaljata bil-miktub dwar il-progress fl-implimentazzjoni tal-acquis lill-Kunsill ta' Assoċjazzjoni.

Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet kollha ta' hawn fuq, il-Konferenza ser ikollha terġa' lura għal din il-ġabra f'mument xieraq.

Barra minn hekk, l-UE tfakkar li jista' jkun hemm acquis tal-UE ġdid bejn it-3 ta' Ġunju 2026 u l-konklużjoni tan-negozjati.
